# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-20 t'Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 362/2014 SM**

**Janet Fenech**
**(I.D. 149571 M)**

**vs.**

**Antonia Azzopardi**
**(I.D. 667037 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-29 t'April, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi hi bint id-defunt Saverio Azzopardi (I.D. 356035 M) li miet fis-6 t'April, 2010;

1.2. Illi l-imsemmi missier ir-rikorrenti halla b'titolu ta' legat in *piena* proprjeta`, sehem mill-oggetti kollha mobbli, mobbilja u dak kollu li jkun jezisti u jiggwaruixxi d-dar t'abitazzjoni tieghu lir-rikorrenti Janet Fenech;

1.3. Illi istitwixxa bhala eredi universali tal-gid tieghu kollu lil martu l-intimata Antonia Azzopardi;

1.4. Illi l-wirt indikat fiz-zewg (2) paragrafi precedenti gie determinat skont it-testment datat l-1 ta' Settembru, 2008, *in atti* tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras, (ara foll 10 *et sequitur*);

1.5. Illi r-rikorrenti hadet hsieb missierha Saverio waqt li kien haj u pprestatlu servigi ghal numru kbir ta' snin, u dan, wahedha;

1.6. Illi l-istess rikorrenti kienet ghalhekk tirrisjedi fid-dar tal-genituri taghha, senjatament fil-fond numru 5, Blokk numru 2, Triq San Filippu, il-Birgu;

1.7. Illi r-rikorrenti kienet damet tiehu hsieb missierha u ommha ghal mill-anqas disa` (9) snin;

1.8. Illi wara l-mewt ta' missierha r-rikorrenti kellha problemi ta' sahha u kellha tigi rikoverata l-isptar ghal perjodu twil;

1.9. Illi f'dan il-perjodu ta' rikoveru l-intimata biddlet is-serratura tal-fond fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt sitta, (1.6.), aktar qabel);

1.10. Illi konsegwenza ta' l-istess l-intimata ddenudat lir-rikorrenti minn gidha;

1.11. Illi kien biss bl-assistenza tad-Dipartiment tad-Djar li r-rikorrenti regghet hadet pussess tal-fond in dizamina;

1.12. Illi *di piu`*, l-intimata approprijat ruhha minn diversi oggetti li kienet wirtet ir-rikorrenti minghand missierha u ohrajn akkwistati bi flusha, li kienu jinsabu fl-imsemmi fond, fosthom ghamara, deheb u mobbli ohra;

1.13. Illi *nonostante* li interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ghas-servigi prestati u biex jigu ritornati l-oggetti taghha lura, l-intimata baqghet inadempjenti;

1.14. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.14.1. Tiddikjara li r-rikorrenti pprestat servigi, kura u assistenza lil missierha Saverio Azzopardi u ghalhekk hi intitolata ghall-kumpens;

1.14.2. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*, is-servigi rezi;

1.14.3. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti dak il-kumpens hekk likwidat, flimkien ma l-imghax relattiv sal-pagament effettiv;

1.14.4. Tiddikjara li l-intimat approprijat ruhha u/jew hadet oggetti u mobbli appartenenti lir-rikorrenti;

1.14.5. Tikkundanna lill-intimata biex fi zmien qasir u perentorju tikkonsenja l-oggetti kollha proprjeta` tar-rikorrenti u fin-nuqqas, biex thallas lir-rikorrenti l-valur ta' l-istess li ghandu jigi stabbilit okkorrendo, bl-opera ta' periti *nominandi*;

1.14.6. Bl-ispejjez kontra l-intimata;

1.14.7. B'rizerva ghal kull azzjoni fil-ligi kontra l-intimata;

2.0. Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimata datata t-2 ta' Mejju, 2014, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi r-rikorrenti ghandha tiddikjara ghal liema perjodu qed tippretendi l-kumpens minnha rikjamat ghas-

servizzi allegatament rezi lil missierha, u tipprezenta prospett dettaljat fir-rigward;

2.2. Illi l-azzjoni hi fil-maggor parti taghha preskritta *a tenur* ta' l-artiklu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.3. Illi fil-mertu, l-ebda kumpens m'hu dovut *stante* li mhux minnu li r-rikorrenti pprestat xi servigi lil missierha;

2.4. Illi r-raba` (4) u l-hames (5) talba tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda *stante* li l-intimata:

2.4.1. La approprijat ruhha mill-oggetti appartenenti lir-rikorrenti;

2.4.2. Lanqas hadet xi oggetti appartenenti lill-istess rikorrenti;

2.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3. Semghet ix-xhieda prodotta mill-kontendenti;

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluza d-dikjarazzjoni guramentata pprezentata *in atti, (ara foll 27);*

5. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentant legali ta' l-intimata, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 40);

Ikkunsidrat:

6.0. Illi r-rikorrenti sintetikament issosstni s-segwenti:

6.1. Illi kienet tiehu hsieb il-genituri taghha fil fond indikat bhala *Door* 1, *Flat* 14, Triq Patri Indri Vella O.P., il-Birgu, (ara foll 27);

6.2. Illi dan il-hsieb li r-rikorrenti tiehu hsieb il-genituri taghha kien l-ewwel urih missier ir-rikorrenti u din accettat, bil-patt li d-dawl u l-ilma u dak kollu li jsir fid-dar jinqasam bejniethom, (ara foll 27);

6.3. Illi missier ir-rikorrenti kien ukoll ghamel prokura favur l-istess rikorrenti biex hi wkoll tmexxi l-affarijiet kollha tieghu, (ara foll 27);

6.4. Illi r-rikorrenti kienet tiehu lill-genituri taghha l-isptar bil-karozza taghha, (ara foll 27);

6.5. Illi rizultat tal-fatt li r-rikorrenti marret tabita fir-residenza tal-genituri taghha biex iddur bihom, il-hajja privata taghha spiccat, (ara foll 27);

6.6. Illi missier ir-rikorrenti kien marid bil-kancer u ommha li kienet ipokondrijaka, kienet tbaghti wkoll bid-dipressjoni, (ara foll 27);

6.7. Illi wara li missier ir-rikorrenti miet fis-6 t'April, 2010, ir-rikorrenti baqghet iddur b'ommha, (ara foll 27);

6.8. Illi hut ir-rikorrenti Rita, Doris u Sylvana, kitbu ittra fejn sostnew li ma riedux ikunu jafu aktar bil-mama` taghhom, (ara foll 27);

6.9. Illi fil-15 t'Awwissu, 2010, ir-rikorrenti mitilha binha tragikament, (ara foll 27);

6.10. Illi hutha Anna u Raymond jirrizulta li ma kienu ta' l-ebda ghajnuna lir-rikorrenti u lil ommhom, (ara foll 27);

6.11. Illi wara perjodu ta' sentejn u nofs, Rita, Doris u Sylvana fuq indikati, (ara paragrafu numru sitta punt tmienja, (6.8.), aktar qabel), esprimew ix-xewqa li jkellmu lil ommhom, (ara foll 27);

6.12. Illi meta l-intimata harget mid-dar *de quo*, ir-rikorrenti baqghet tghix wahedha fl-istess dar, (ara foll 27);

6.13. Illi sussegwentement flimkien ma bintha Sylvana, l-intimata marret ma' tlett (3) pulizija ghand ir-rikorrenti u insistiet maghha biex tohrog mid-dar, (ara foll 28);

6.14. Illi r-rikorrenti kienet ukoll intimata permezz t'ittra b'avukat biex tohrog mill-istess fond, (ara foll 28);

6.15. Illi rizultat ta' l-istess, ir-rikorrenti hadet *"overdose"* u kienet rikoverata l-Isptar Monte Carmeli, (ara foll 28);

6.16. Illi wara li r-rikorrenti kienet rilaxxata u marret biex tirritorna lura d-dar in dizamina, sabet is-serratura mibdula, (ara foll 28);

6.17. Illi fl-istess residenza r-rikorrenti kellha l-oggetti kollha taghha ghadhom hemm, (ara foll 28);

6.18. Illi in vista ta' l-istess ir-rikorrenti irritornat fl-appartament li kien jghajjat lilha, li sabitu vojt, ghajr ghal ftit ilma fil-*fridge*, (ara foll 28);

6.19. Illi l-istess rikorrenti issosstni li ghamlet tlett (3) ijiem tghix b'dak l-ilma li sabet, u kellha tirrikorri ghall-ghajnuna socjali, (ara foll 28);

6.20. Illi fil-frattemp, l-intimata kienet rikorverata f'dar ghall-anzjani, (ara foll 28);

6.21. Illi l-post tal-genituri tar-rikorrenti baqa` maghluq, (ara foll 28);

6.22. Illi f'dan il-perjodu r-rikorrenti sabet it-testment ta' missierha, (ara foll 28);

6.23. Illi f'Dicembru, 2013, ir-rikorrenti inghatat il-post numru 5, *Block* 2, Triq San Filep, il-Birgu, u irrilaxxat il-fond *Door* 1, Flat 14, Triq Patri Indri Vella O.P. il-Birgu, mad-Dipartiment tad-Djar, (ara foll 28);

6.24. Illi meta marret fl-istess fond sabet l-oggetti kollha tad-deheb taghha, flimkien ma' flus u affarijiet ohra privati, neqsin, (ara foll 28);

6.25. Illi ghalhekk issostni, li munita bit-testment ta' missierha, tipprocedi bil-kawza odjerna biex tiehu kollox lura, (ara foll 28);

6.26. Illi fl-istess appartament, apparti l-oggetti tal-genituri taghha, kien hemm ukoll l-oggetti proprjeta` taghha, (ara foll 28, u foll 29 u 30);

6.27. Illi *di piu`*, issosstni li damet tiehu hsieb ta' missierha u ta' ommha ghal sitt (6) snin u li konsegwentement qed titlob ghal dan l-ammont ta' sitt elef Lira Maltin, (Lm6,000.00), u sebat elef Lira Maltin, (Lm7,000.00), rispettivament, (ara foll 28);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi skont il-psikjatra kuranti r-rikorrenti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

7.1. Illi r-rikorrenti ghandha storja twila ta' problema ta' Alkohol, ansjeta` u ta' dipressjoni li tmur lura s-snin, (ara foll 32);

7.2. Illi fil-hajja privata taghha ghaddiet minn diversi problemi serji, (ara foll 32);

7.3. Illi kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn l-istess rikorrenti kienet rikoverata fl-isptarijiet lokali, (ara foll 33);

7.4. Illi fil-present ir-rikorrenti ghadha taht kura psikjatrika, (ara foll 33);

Ikkunsidrat:

8. Illi l-istampa tar-realta` kif deskritta minn Raymond Azzopardi – hu r-rikorrenti – hi pjuttost differenti minn dik moghtija mir-rikorrenti fl-affidavit taghha;

9.0. Illi dan isostni sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi r-rikorrenti ghamlet snin tghix mall-genituri taghhom, (ara foll 34);

9.2. Illi l-genituri tar-rikorrenti kienu jbaghtu b'kondizzjonijiet serji hafna, (ara foll 34);

9.3. Illi l-fuq imsemmi Raymond Azzopardi jsostni li kien hu li kien jiehu lil missierhu kull nhar ta' Hadd, (ara foll 35), ghall-kura, u li fid-dar, dan ma kellu bzonn l-ebda ghajnuna, (ara foll 34);

9.4. Illi effettivament dan missier ir-rikorrenti kien ghadu fi stat ta' mobilita` u kien ghadu johrog jaghmel xi qadjiet sa l-ahhar ta' hajtu, (ara foll 34);

9.5. Illi ohtu Anna kienet tmur tixtri l-bzonnijiet li kien ikollhom il-genituri taghhom u kienet ukoll tahslilhom l-art, (ara foll 35);

9.6. Illi l-kirja tad-dar tal-genituri tar-rikorrenti llum tghajjat lir-rikorrenti, (ara foll 35);

9.7. Illi l-ghamara li kien hemm fil-fond tal-genituri tar-rikorrenti kienet proprjeta` ta' l-istess genituri, (ara foll 35);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi tenut kont tas-suespost hu issa pertinenti li l-istess jigi inkwadrat fil-fattispeci rizultanti senjatament:

10.1. Fil-konfront tas-servigi rikjamati mir-rikorrenti;

10.2. Fil-konfront ta' l-approprijazzjoni indirizzata mir-rikorrenti fil-konfront tal-mama` taghha – l-intimata Antonia Azzopardi;

Ikkunsidrat:

11.0. **Rigward is-Servigi rikjamat mill-intimata**:

11.1. Illi kif ritenut mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Ivy Angus vs. Joseph Calleja *nomine***,

datata l-**15 ta' Frar, 1958, Volum XLII, Pt. II, p. 925**:

"Illi azzjoni simili, skont il-kunsens unanimi tal-gurisprudenza nostrali, hija bazata guridikament fuq il-kwazi - kuntratt, u unanimament fuq il-prezunzjoni li min jossoggetta ruhhu biex jaghmel servizz lil haddiehor jaghti dak l-istess xoghol bl-iskop li jithallas, ammenokke` ma jkunx ghamlu bi skop umanitarju biss, bla hsieb li jkun kompensat ghalih, jew li jaghti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tieghu "familiaritatis sew pietatis causa"; f'liema l-ahhar ipotesi, min jirreklama s-servigi jrid ibieghed minnu dik l-istess prezunzjoni, li jkollha aktar sahha, sabiex ikollu success fl-azzjoni li huwa jittenta";

11.2. Illi mir-rizultanzi fuq elenkati ma jirrizultax li r-rikorrenti irrespingiet il-prezunzjoni fuq riferita li meta marret tghix mall-genituri taghha ma riditx taghti l-istess servizz *"familjaris sew pietatis causa" stante* li kien biss ferm wara l-mewt ta' missierha, madwar erbgha (4) snin, u wara li ommha giet rikoverata f'dar ghall-anzjani, li ddecidiet tittenta l-procedura odjerna;

11.3. Illi ghandu jkun pacifiku li procedura legali m'ghandiex titqies bhala xi loghba ta' l-azzard li fiha wiehed jittanta xortih;

11.4. Illi ghandu jkun pacifiku li r-rekwiziti biex jiskattaw l-elementi ta' l-istitut in dizamina jiddependu mill:-

"... intenzjoni tas-serventi li jithallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha ...", (ibid p. 925);

11.5. Illi *di piu`*, l-istess sentenza fuq citata temfasizza wkoll li:

> "... mhux ta' min jittraskura anzi l-istat finanzjaraju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-ghaliex tant mill-punto di vista tal-mizura tal-intenzjoni tar-retribwibbilita`, kemm mill-punt di vista tal-mizura tal-kumpens, dawn il-punti, fil-hsieb tal-Qorti, ghandhom importanza", (ibid. p. 925);

11.6. Illi ghalhekk kif espressament ritenut fil-kawza fuq indikata:

> "... fil-kaz ta' persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b'persuna li taf li hi fqira, il-presunzjoni li dawk is-servigi saru bil-fehma ta' hlas ma' treggix; u mill-banda l-ohra lanqas tista` tigi ndotta l-fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta, li tkun f'dak l-istat finanzjarju", (ibid. p. 925);

11.7. Illi mill-provi jirrizulta abbundantement assodat li kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimata huma fi stat t'indigenza, ta' l-ewwel billi ma tahdimx, tghix f'abitazzjoni moghtija lilha mid-Dipartment tad-Djar, u qed tagixxi f'din il-procedura ghaliex tikkwalifika ghall-ghajnuna legali, (ara foll 28 u 5), u ta' l-ahhar billi hi prezentement rikoverata f'dar ta' l-anzjani, (ara foll 28, 32 u 35);

11.8. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprovat din l-ewwel talba partikolari taghha ghas-servigi kif minnha mitluba;

Ikkunsidrat:

12.0. **Rigward l-Approprijazzjoni allegata**:

12.1. Illi f'dan ir-rigward, *stante* li l-kawza odjerna hi indirizzata fil-konfront ta' l-intimata biss, din l-allegazzjoni tar-rikorrenti trid tigi ppruvata skont il-ligi fil-konfront ta' l-istess intimata;

12.2. Illi f'dan ir-rigward, dak li jirrizulta hu sintetikament is-segwenti:

12.2.1. Illi meta l-intimata kibbret fl-eta` u kibru l-accakki konnessi ma' l-istess, din giet rikoverata f'dar ghall-anzjani u ghalhekk kellha tivvaka r-residenza ordinarja taghha, (ara foll 28 u 32 u 35);

12.2.2. Illi ghalhekk jirrizulta inkoncepibbli li l-intimata garret l-ghamara u l-oggetti mobbli maghha *stante* li f'dawn id-djar ghall-anzjani dawn il-mobbli ma jithallewx jiddahhlu fit-totalita` taghhom;

12.2.3. Illi *di piu`*, ghalkemm ir-rikorrenti ghamlet l-allegazzjoni *de quo* hi naqset li ggib l-icken prova fir-rigward;

12.2.4. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprovat din it-tieni talba partikolari taghha li l-intimata immisapproprijat l-oggetti li kienu identifikati bhala il-wirt tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi finalment, rigward it-testment ta' missier ir-rikorrenti Saverio Azzopardi datat l-1 ta' Settembru, 2008, *in atti*

tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras, jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi halla b'titolu ta' legat favur ir-rikorrenti sehemu mill-mobbli, mobbilja u dak li jiggwarnixxi l-abitazzjoni tieghu b'kumpens talli qed tiehu hsiebu, (ara foll 11 u 12);

13.2. Illi pero` mill-istess gew eskluzi l-oggetti kollha tad-deheb, fidda, hagar prezzjuz, kotba tal-bank, titoli u dokumenti ohra rapprezentanti flus, (ara foll 11);

Ikkunsidrat:

14. Illi ghandu wkoll ikun pacifiku li f'dan ir-rigward ukoll japplika l-principju Ruman li:

**"probatio onus petitoris"**

15. Illi hawnhekk ukoll ghalkemm l-intimata tallega li l-oggetti lilha mhollija bhala legat gew mehuda minn terzi, naqqset li ggib xi provi fir-rigward koncernati l-intimata;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li mill-kumpless tal-provi kif fuq sintetikament esposti, r-rikorrenti naqset li tipprova t-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

16.1. Filwaqt li tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

16.2. Takkolji r-risposti kollha ta' l-intimata;

16.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**